# MINUTI

# LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

# IS-SEBGHA LEGISLATURA 2017

# SEDUTA NUMRU 41

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi ltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera, S-Swieqi nhar il-Hamis 15 ta'Gunju 2017

Prezenti:

Noel Muscat - Sindku

Justin Fenech - Vici Sindku

Alex Chetcuti - Kunsillier

Paul Fenech - Kunsillier

Alfred Curmi - Kunsillier

Theresa Valentino - Kunsilliera

Mauro Miceli - Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Vince Tanti - Segretarju Ezekuttiv

Skuzati: -

Mario Fava kien msiefer konferenza.

**Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tas-seduta 40 (kontinwazzjoni) gew approvati mill-Kunsillier M. Miceli, u ssekondati min Maryanne Abela

Il-Kunsillier M. Abela staqsiet x'inhi is-sitwazzjoni fuq il-qlugh ta' l-arblu fi Triq il-Majjistral. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li, flimkien ma l-inginiera ta' Transport Malta u l-Enemalta infurmaw lill Go plc u lill Melita plc sabiex inehhu l-wires sabiex jkun jista jinqala l-arblu. Il-Kunsillier M. Abela insistiet li issir iktar pressjoni fuq dawn l-entitajiet u jekk ma jkollnix risposta malajr ghandu jinqala l-arblu u jhallu l-wires mdendlin, sabiex il-kuntrattur ikun jista jlesti l-bankina.

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet biex nibaghtu l-ittra li is-Sindku kiteb lis-Sur Abela Medici fuq is-sitwazzjoni ta' l-estensjoni ta' Triq il-Kaffis lic-Chairman ta' Awtorita ta' l-ippjanar u lill ERA galadarba is-Sur Abela Medici ma rrispondiex sufficjentament.

Il-Kunsillier M. Miceli informa l-Kunsill li Camera 2 mhix titrasmessi l-laqgha, u pprova jinnaviga biex forsi isewwi l-problema.

**Rapport mis-Sindku**

Is-Sindku ghamel ir-rapport tieghu (Anness A) beda billi tkellem fuq il-ftuh tal gnien FX Ebejer, li gie rrangat. Il-gnien infetah fit-18 ta Mejju mill-Onor. Edward Zammit Lewis fil-presenza ta'CEO ta' l-Awtorita ta' L-Ippjanar is-Sur Johan Buttigieg u ufficjali mill-Ministeru tat-Turizmu.

Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa kienx hemm pjan biex jigu nstallati cameras gewwa dan il-gnien u s-Sindku issugerixxa lli jsiru malli jigu diskussi l-installazzjoni tal Cameras il-godda.

Tkellem fuq il pass il-quddiem wara l-ewwel sentejn li dan il-kunsill ilu jahdem flimkien.

Is-sigurta tibqa' l-akbar *issue* tal-lokalita, u issa li gew installati il-Cameras inkuni nistghu nimmoniterjaw, dejjem fejn hu possibbli, dak kollu li qed jigri fil-lokalita ahjar. Qed jitlob lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jorganizza laqgha mal- Vici-Kummissarju, is-Superintindent u l-ispettur, laqgha li ta' kull sens ssir qabel is sajf, izda habba l-ghajta ta l-Elezzjoni din is-sena kellha tittardja.

Huwa sahaq li xorta hemm bzonn ta' aktar patrols, b'mod specjali ma nies li jghixu *f'short let apartments.*

L-izvilupp ta' blokka wara blokka ta' appartamenti fil-lokalita wkoll qed tqieghed sfida kbira ghal dan il-Kunsill u ghar-residenti tieghu li jridu jissaportu storbju, trabijiet u inkonvenjenzi kontinwament.

Sahaq li kien bhala Sindku f'laqgha tas-sindki f'April tas-sena li ghaddiet ic-CEO ta' l-Awtorita ta l-ippjanarkien infurmhom illi l-Awtorita accettat li l-kunsilli jigu nfurmati meta jkun ser jibdew progetti ta twaqqij jew xoghol ta' skavazzjoni fil-lokalitajiet. B'dispjacir jinnota li dan ma giex implimentat. Talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jikteb lis-Sur Buttigieg sabiex ifakkru fuq dan.

Semma kif wahda mill-akbar battallja hija l-immaniggjar ta' l-iskart domestiku. Spjega li il-problema principali hawn mhix il-lokalita kollha imma hija koncentrazzjoni l-aktar marbuta mal qalba tal-lokalita fejn hawn hafna appartamenti ghal kiri.

Il-Kunsillier M.Miceli wera l-hsieb tieghu li is-sistema l-gdida mhix tahdem u s-Sindku ma qabilx ma dan il punt u sostna li hemm xi problema li jridu jigu ndirizzati izda jemmen li d-decizjoni ahharijja kienet ghal gid tal-lokalita u rridu nigbdu habel wiehed sabiex inaqqsu l-abbuz.

Talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jorganizza laqgha mal-Ministru tat-turizmu sabiex jitkellem mieghu fuq il-problema ta' short lets.

**Kostruzzjoni tat-Toroq**

Is-Sindku sahaq li l-Kunsill ghandu jkompli jaghfas lill-Gvern Centrali sabiex igib il-fondi necessarji biex terga' tinbena triq il-Keffa, Triq it-Tiben u triq il-Giebja. Talab ukoll li flimkien mal-Gvern u Transport Malta tinstab soluzzjoni sabiex nsolvu l-problema ta' diversi toroq li ma jinfdux. Fost dawn hemm Triq il-Franciz, Triq it-Terz, Triq il-Gizimin, Triq Stasija u triq ir-Ratal. Galadarba dawn it-toroq jigu accessibbli it-*traffic flow* jitjieb u tonqos l-uzu ta' triq il-Keffa. Talab lis-Segretarju Ezekuttiv jitlob laqgha urgenti mal-ministru risponsabbli minn Transport Malta.

Semma wkoll li fil-pjan tieghu hu li jsiru tiswijiet u *major patching* fit-toroq Ilqugh, Mawt (ilqugh sa Giebja), Il-Hemel (Parti min), Parti min Triq is-Sirk. Ga gibna xi kwotazzjonijiet minnghand zewg kuntratturi u qed nistennew tnejn ohra.

**Progetti Kapitali**

Is-Sindku irid li nhaffu l-applikazzjoni sabiex inkabbru gnien Esprit Barthet f'Victoria Gardens kif ukoll nirrangaw sew, inkluz il-bini sportiv li ser jospita l-ghaqdiet sportivi tas-Swieq fi Gnien Maurice Caruana Curran, kif ukoll id-dog Park ippjanat.

Semma wkoll li kellu laqgha mal-kuntratturi ta' l-ex Forum fuq l-*embellishment* ta' Pjazza Uqija, liema progett ser jigi ffininzjat minn dawn il-kuntratturi.

**Gieh Is-Swieqi**

Is-Sindku wera xewqa sabiex jigi mniedi Gieh is-Swieqi. Din hija idea li ilha hafna tigi diskussa, hemm nies ta' integrita li jistaw jghinuna ferm u talab lill-Kunsillier Theresa Valentino u Alfred Curmi jiehdu f'idejhom din l-inizzjattiva. Is-Sinjuri msemmijja accettaw.

**Kappillan**

Kif kulhadd kien jaf il-Kappillan Fr. Mario Tong ser itemm l-impenji tieghu fil-lokalita u minfloku ser jigi Fr Blake Camilleri. Is-Sindku irringrazzja lil-Fr. Tong tas-servizz li ta lil-Lokalita u awgura hidma siewja lil Fr Blake Camilleri. Talab lis-Segretarju Ezekuttiv jordna momento sabiex jinghata lill Fr Tong bhala sinjal ta' ringrazzjament ghal hidma tieghu.

Saret ukoll talba biex nistiedni lill-Fr Blake Camilleri ghal laqgha mal- Kunsillieri.

**Servizzi Ohra**

Is-Sindku ghalaq billi semma id-diversi servizzi li dan il-Kunsill qed jipprovdi lir-residenti ta' din il-lokalita', forthom attivitajiet kunturali, esibizzjonijiet ta' l-arti u fotografija, hargiet kulturali, attivitajiet ta' generu ta' sahha li jinkludi tahdidiet u attivitajiet fis-sala tal-kommunita, fost dawn hemm it-Tai Chi, il-Yoga, line-dancing, Zumba. Semma l-ftugh tal-Berga u l-immunisation kif ukoll il-laqghat tal-bizzilla u l-Crochet u dan l-ahhar li-Speech Therapy. Sahaq li dan mhux kollox u l-Kunsill qed jghin f'oqsma ohra, u mhux ser jieqaf joffri servizzi ohra lin-nies tal-lokalita.

**Punti Mressqa mil Kunsillier Alfred Curmi**

Huwa pprezenta rapport finanzjarju fuq l-andament matul l-ewwel tlett xhur tas-sena. Ir-rapport jindika li li kollox miexi sew, ghalkemm hija n-norma li jkun hekk. Wiehed irid joqghod attent fix-xhur li jmiss sabiex kemm hu possibli inzommu l-istess rittmu.

Ipprezenta li-skeda tal pagamenti, liema skeda giet approvata.

Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar fuq il-pagamenti dovuti lill kuntrattur ta' l-iskart, liema pagamenti gew diskussi fil-laqgha numru 39 tas-26 ta'April 2017 u li mhux rrekordjat decizjoni fuqhom. Il-kunsill qabel unanimant li dawn il-pagamenti iridu jsiru.

Il-Kunsillier A. Curmi tkellem fuq il-Magazine tal-kunsill u dahhal lin-Nutar Justin Fenech fid-diskussjoni peress li flimkien huma l-edituri tal-magazine. Iz-Zergt kunsillieri infurmaw li ir-rapporti tal-kunsilliera ghandhom jidhlu sa l-ahhar tax-xahar.

Tkellem ukoll fuq il-one-ways godda proposti. Dawn jinkludu It-toroq Gharbiel, In-Nofs, Qawsalla u Slielem.

Saqsa sarx xi-progress fuq it-tender tal karozza u s-Segretarju Ezekuttiv informa li gab informazzjoni izda xtaq li jfassal it-tender ma xi had li ghandu esperjenza, ghax qatt ma ghamel wiehed.

Fl-ahharnett is-Sur Curmi tkellem fuq il-Laqgha tal-Lokalita anwali, fejn informa li ir-riklami fuq il-midja u n-notifikazzjonijiet f'kull dar saru, u ser jigu diskussi il-Budget 2017, Issues ta generu lokali u Traffic Management godda.

**Punt mressaq mis-Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sur Tanti informa li ser jinstema l-appell fuq il-Hotel f'Lourdes Lane u staqsa min jista jattendi ghal dan l-appell. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li il-Perit Valentino ser jattendi.

Huwa tkellem ukoll fuq l-installazzjoni tas- CCTV Cameras fis-Swieqi. Ghalkemm dawn juru stampa cara hafna tezisti problema fid-download time. Filmat ta' siegha jista' jiehu bejn 4 – 6 sieghat biex jiddawnlowdja ghaliex jridu jigi mnizzla mil-modems ta' kull camera. Pprezenta l-ewwel kont tal Go plc ghal dawn il-cameras, kont li huwa ta €224.66 ghal xahar. Tkellem mat-technician, li infurmah li biex id-download jigi iktar fast irid ibiddel kull modem (24), u dan ifisser li il-kont jirdoppja.

Il-Vici Sindku talab ghal kopji u data necessarji fuq il-cameras u Is-Segretarju informa li kull kunsillier intbaghat site-plan ta' fejn huma nstallati l-cameras.

Informa li is-Sur Gorg Bugeja, sid ta art f'Wied Ghomor xtaq jiltaqa mal kunsill. Il-Kunsill accetta u ser tintbghat stedina lis Sur. Bugeja sabiex jigi l-Kunsill nhar il-Hamis 13 ta'Lulju fl-16.30.

**Punti Mressqa mill-Kunsillier Theresa Valentino**

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk il-Kunsill hux inxurjat jekk xi hadd iwegga fil-premisis tal-kunsill. Is-Segretarju informa li iva, hemm Public Liability policy.

Wara saqsiet fuq x'qed jigri mill-programm tas-Certification fuq is-Safety u is-segretarju informa li sari l-kors tal fire-fighting u issa jmiss il-first Aid course ghal istaff.

Il-Kunsillier M. Miceli informa li ilu hafna jitlob li First Aid Course isir ghan-nies tal-lokalita, u forsi b'din l-inizzjattiva jista jsir dan ukoll.

Il-Kunsillier M. Abela infurmat li ghandna nikkuntattjaw lis-Saint John Rescue Corps li joperaw mill Forti Madaliena u nipprovaw ingibu il-kors b'xejn.

Semmiet li fil-passagg li jwassal ghal Triq Josef Kalleja hemm xi haxix hazin li jrid jinqata. Is-Segretarju ser jiehu hsieb biex dan isir.

**Punti mressqa mill Kunsillier M. Abela**

Hija infurmat illi ser issir il-Festa Madliena fit 22 ta'Lulju. Avzat illi il-Corner Food Store ser jerga joffri ikel b'xejn u kull dhul ser jinghata donazzjoni lill-karita.

Peress li hawn Kappillan gdid ser jigi mitlub jistax jaghmlu quddies ghal-okkazzjoni.

Avzat li ser jaghmlu flyer ghal din l-attivita u s-Segretarju infurmaha sabiex tibghat id-dettalji lill ufficcju sabiex l-impjegata taghna Mandy Portelli tiddisinnja dan il-poster.

Tkellmet fuq il-progett iffininzjat mill-EU fejn il-Perit ghandu jipprezenta stima fuq il-progett tar-*rubble walls*. Irridu wkoll napplikaw lil-Lands ghal permess sabiex isir ix-xoghol ta restawr. Il-persuna li l-art hija mqabbla ghandu ma sabx oggezzjoni ghal dan ir-restawr.

Informat ukoll li il-Heritage Trail ta' madwar il-Forti Madliena ser jsir ukoll bhala parti minn dan il-progett.

Fl-ahhar regghet qajmet il-punt fuq l-ishubija tal- Kunsill fil-Majjistral Action Group. Xi Kunsillieri regghu oggezzjonaw ghal dan izda l-Kunsillier M. Abela ssugeriet li €4500 mizata tittiehed mill allokazzjoni tal-Madliena u hawnhekk il-kunsilliera qablu u din il-proposta giet accettata.

Is-Segretarju ma qabilx ma' dan ghax il-Kunsill m'ghandux rizorsi biex jikkoncentra fuq iktar progetti bhal dawn, u l-Vici Sindku staqsa x'sar mill-proposta biex jinstab persuna back-to-back. Is-Segretarju informa li hadd ma applika. Is-Sur Fenech ssugerixxa illi ssir applikazzjoni ghal nies mill-privat.

**Punti mressqa mill-Kunsillier P. Fenech**

Il-Kunsillier P. Fenech avza li ser isir kuncert ta' kant u sing-along nhar il-Gimgha 16 ta' Gunju fis-Sala tal-Kunsill. Heggegg lill kulhadd jattendi.

**Punti mressqa mill-Kunsillier A. Chetcuti**

Il-Kunsillier A.Chetcuti staqsa meta ser issir il-Bankina ta' Triq Uqija. Din tigi risponsabbilta ta' l-izviluppaturi tal-Progett Forum.

Staqsa wkoll biex jitwahhlu bollards homor fi-Triq Sant Andrija, minn fejn il-hrug tal-Greens. Is-Segretarju informa li din ma taqax risponsabbilta tal-Kunsill izda ta' Transport Malta. Huwa talab lis-Segretarju sabiex japplika ma' Transport Malta ghal dawn il-bollards.

Staqsa wkoll meta ser jehlu ir-riklami hdejn tal-pastizzi fi triq Sant'Andrija u fuq bzonn ta Sleeping policeman fi Triq il-Qasam fejn il-Meat and More. Fl-istess area hemm parking u bollard li hemm bzonn isir xi haga dwaru ghax qed jolqtuh il-karozzi.

**Punti Mressqa mill Vici-Sindku Justin Fenech**

Il-Vici Sindku h ressaq rikjesta mit-tennis club li jridu arlogg elettroniku li jiswa madwar €500.00 online, u ic-Chess Club qed jitlob life-size chess set li jiswa madwar £500 sterlina, ghax dan m'hawnx bhalu Malta.

Is-Segretarju ghandu jiccekkja hux permettibbli li dawn jinxtraw online.

Din is-seduta ntemmet fit-20.00 u giet aggornata ghal 13 ta'Lulju fil- 17.00, izda qabel, fl-16.30 ser jkun hemm il-laqgha mas Sur Bugeja.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |